# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 205/2015**

Il-Pulizija

vs

**Isabelle Busuttil**

bint Paul, imwielda Attard, fit-22 ta' Mejju, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 236569(M)

Illum, 4 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Isabelle Busuttil quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istss disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-21 ta' Frar 2015 bejn l-5.30pm tas-Sibt sal-5.30pm tal-Hadd meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Emanuel Borg ghal uliedkom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u ghaldaqstant kkundannatha twiddiba u canfira.

Rat ir-rikors tal-appellanta Isabelle Busuttil ipprezentat fl-4 ta' Mejju, 2015 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberha minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

a. Illi hija ma kellhiex tinstab hatja stante li kellha raguni valida fil-ligi, cioe' li t-tifla kienet ma tiflahx, kif juru c-certifikati medici prodotti, ghaliex it-tifla ma setghetx tmur ma' missierha fil-21 ta' Frar 2015.

b. Illi hija ma kellhiex tinstab hatja wkoll stante li ma giex esebit f'dawn l-atti ebda digriet tal-Qorti dwar l-access.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan kien kaz sommarja u ghalhekk ma saret ebda traskrizzjoni tax-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk, din il-Qorti qed tistrieh fuq dak li l-partijiet xehdu fil-prezenza taghha.

Illi dan l-appell jirrigwarda nuqqas ta' access ghal bint l-partijiet min-naha ta' l-appellanta.

Illi l-missier, il-parte civile, ghandu acess regolari ghal bintu li tghix ma l-appellanta. Fil-gurnata tal-incident hu ma nghatax l-access miftiehem u ghalhekk ghamel rapport l-ghassa.

Illi min-naha ta' l-appellanta hi xehdet li hi kienet infurmat lill-parte civile li binthom ma kinitx tiflah.  L-appellanta pprezentat tlett certifikati medici.  Min-naha tieghu l-parte civile jghid li dawn setghu kienu foloz.

Illi fic-cirkostanzi jirrizulta li mhux minnu li l-appellanta ma riditx taghti l-access lill-misssier bintha jew irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni valida.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Isabelle Busuttil, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lil Isabelle Busuttil minn kull htija u piena.